MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-24 ta' Frar, 2021

Appell Numru 94/2019 LM

**Mapfre Middlesea plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Ecabs Ltd sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Ecabs Ltd**
*("l-appellati")*

***vs.***

**Citadel Insurance plc u**
**Cristina Bellizzi (K.I. Numru 285886M)** *("l-appellanta")*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Cristina Bellizzi (K.I. nru 285886M)** [minn issa 'l quddiem "l-appellanta Bellizzi"], minn lodo arbitrali numru M4789/2016 mogħti fl-10 ta' Diċembru, 2019, [minn issa 'l quddiem "il-

lodo arbitrali"], mit-Tribunal tal-Arbitraġġ [minn issa 'l quddiem "it-Tribunal"] fiċ-Ċentru dwar l-Arbitraġġ ta' Malta [minn issa 'l quddiem "iċ-Ċentru", li permezz tiegħu ddeċida billi filwaqt li ċaħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati u anki l-kontrotalba tal-appellanta Bellizzi, laqa' t-talba tas-soċjetà rikorrenti **Mapfre Middlesea plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Ecabs Ltd sija bil-polza u sija bil-liġi u l-istess Ecabs Ltd** [minn issa 'l quddiem rispettivament "is-soċjetà appellata Mapfre" u "s-soċjetà appellata *Ecabs*"] billi ddikjara li l-appellanta Bellizzi kienet unikament responsabbli għall-ħabta li seħħet bejn il-vetturi CLY 038 u CRI 506 u għalhekk kellha tħallas is-somma ta' erbat elef, tmien mija u tmintax-il Euro u sittin ċenteżmu (€4,818.60) lir-rikorrenti, flimkien mal-ispejjeż u l-imgħax.

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-proċeduri odjerni jirrigwardaw inċident awtomobilistiku [minn issa 'l quddiem "l-inċident"], li seħħ fid-9 ta' Jannar, 2016, fi Triq D'Argens, Msida, bejn il-vettura tal-għamla *Peugeot 108* bin-numru ta' reġistrazzjoni CRI 506 proprjetà u misjuqa mill-appellanta Bellizzi u assikurata mas-soċjetà assikuratriċi Citadel Insurance p.l.c, u l-vettura tal-għamla *Peugeot 508 bin-*numru ta' reġistrazzjoni CLY 038 misjuqa minn Francis Camilleri imma proprjetà tas-soċjetà appellata *Ecabs,* u assikurata mas-soċjetà appellata Mapfre.

**Mertu**

3. L-appellati istitwew proċeduri arbitrali quddiem it-Tribunal permezz ta' Avviż ta' Arbitraġġ u Dikjarazzjoni ppreżentati fl-1 ta' Awwissu, 2016, fejn talbu sabiex l-appellanta Bellizzi tiġi ddikjarata unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni, u sabiex hi flimkien mas-soċjetà assikuratrici Citadel Insurance p.l.c. jiġu kkundannati *in solidum* bejniethom iħallsu s-somma pretiża ta' erbat elef, tmien mija u tmintax-il Euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€4,818.63), flimkien mal-ispejjeż legali u ġudizzjarji u l-imgħax legali.

4. L-appellanta Bellizzi wieġbet permezz ta' Risposta ppreżentata quddiem it-Tribunal fid-9 ta' Awwissu, 2016, fejn issottomettiet li l-inċident ma kienx ikkawżat minn imprudenza, imperizja, negliġenza u nuqqas ta' osservanza tar-regoli tat-traffiku da parti tagħha, imma da parti tas-sewwieq tal-vettura l-oħra Francis Camilleri, u għalhekk talbet lit-Tribunal sabiex it-talba tal-appellati tiġi miċħuda. Hija ressqet ukoll kontrotalba fejn talbet sabiex l-imsemmi sewwieq Francis Camilleri jiġi dikjarat unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni u sabiex l-appellati jiġu ordnati jħallsu *in solidum* bejniethom s-somma ta' sebat elef, seba' mija u erbgħin Euro (€7,740.00) li kellha tiġi likwidata mit-Tribunal.

5. Fir-risposta tagħhom għall-kontrotalba mressqa mill-appellanta Bellizzi, l-appellati ddikjaraw li huma ma kinux responsabbli għad-danni mitluba minnha, u dan għar-raġunijiet imfissra fl-istess risposta.

## Il-lodo arbitrali

5. Fil-lodo arbitrali mogħti fl-10 ta' Diċembru, 2019 it-Tribunal għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

***"KONSIDERAZZJONIJIET TAL-ARBITRU DWAR IL-ĦABTA***

*"Illi ż-żewg drivers qalu li saqu biss meta t-*traffic light *kien fuq l-aħdar. Żewġ passiġġiera fil-karozza ta' Bellizzi ukoll kkonfermaw li hi saqet meta d-dawl kien aħdar. Eżatt wara l-ħabta sewwieq ta' vettura (tal-Ecabs) kkonferma li Camilleri saq meta d-dawl kien fuq l-aħdar.*

*Illi wara l-ħabta Cristina Bellizzi ħadet* breathalyzer test *u irriżulta li kienet* "positive" *għal alcohol. Bellizzi qalet li kull ma ħadet kien tazza u nofs inbid u sotniet li kienet* positive *għal* alcohol test *minħabba l-mediċina li kienet qegħda tieħu.*

*Skont ir-rapport tal-Pulizija meta kienet l-Isptar Bellizzi* 'was found positive to the test with 74MG/100ML.'

*Illi skont Cristina Bellizzi kien hemm* farewell party *għal ħabib tagħha Clifton Debono li kien se isiefer ... u marru Bar – Black Gold Sliema ... hi kellha xogħol l-għada fil-8.15am. Telqu minn Black Gold f'xi 3am. Mhux ċar fejn kienet jew x'kienet qiegħda tagħmel Cristina Bellizzi qabel ma marru Black Gold Bar. Cristina qalet li kienu tlieta li xtraw flixkun inbid ... hi, Clifton u Josef Galea.*

*Clifton Debono qal li "niftakar li iltqajna il-Black Gold għal ħabta ta' siegħa ta' filgħodu u xrobna xi nbid. Niftakar li inxtara xi flixkun u dan qsamtu ma' Cristina Bellizzi."*

*Debono ma qalx li Galea ukoll ħa minn dan il-flixkun.*

*Galea qal li "niftakar li dakinhar jiena xrobt tazza inbid l-aktar tnejn wara li konna xtrajna flixkun inbid. Ma' Cristina kien hemm persuna oħra li wara sirt naf li jismu Clifton. Dan kien xi 2am".*

*Illi l-Arbitru jinnota li meta, wara l-inċident sar il-*breathalyzer test, *Bellizzi irriżultat li kienet* "postive". *Illi Bellizzi tgħid li dan kien minħabba l-mediċina li kienet qed tieħu u mhux minħabba l-alcohol. Illi l-Arbitru isib li l-verżjoni ta' Bellizzi mhux kredibbli għaliex diffiċili li wieħed jaċċetta li kienet ġo bar sa 3am u kull ma ħadet tazza u nofs inbid u dan speċjalment meta test oġġettiv jipprova li kienet "positive" għal* breathalyzer test. *Fil-kontro-eżami omm Cristina Bellizzi qalet:*
*"meta it-tifla tkun xorbot xi naqra inbid nkun naf żgur. Din ma tiġrix ta' sikwit".*

*Eżatt wara l-ħabta Frans Camilleri qal li wieħed mill-ġuvinturi fil-karozza ta' Bellizzi qal: "Aħna għidnilek biex ma tixrobx u issuq".*

*Illi l-Arbitru jikkonkludi li Bisazza* (recte: Bellizzi) *kienet qiegħda ssuq taħt l-influwenza tal-alcohol.*

*Eżatt wara l-ħabta Galea, li kien fil-karozza ta' Bellizzi qal:*

*Josef Galea qal:* "I was passenger in vehicle CR1506 and if I am not mistaken we passed the light while they were green and the other vehicle hit our vehicle".

*Huma sinifikanti l-kliem* "if I'm not mistaken". *Dan juri dubju dwar jekk id-dawl kienux ħodor għal Bellizzi.*

*Clifton Debono lanqas għamel* statement *mal-Pulizija eżatt wara l-ħabta.*

*Illi dwar minn kellu tort f'din il-ħabta l-Arbitru jagħmel riferenza għal dak li qal l-Imħallef Lawrence Mintoff il-kawża* **Helen Agius vs Elsie Falzon** *et deċiża 18 ta' Ottubru 2019 (190/2018 LM) :*

Iffaċċjata b'verżjonijiet daqstant kontrastanti dwar il-mod kif seħħ l-inċident inkwistjoni, kif ukoll fin-nuqqas ta' xhieda okulari li raw l-inċident iseħħ, il-Qorti sejra tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq il-konvinċiment morali abbażi tal-preponderanza tal-probabbilitajiet, u dan fuq l-iskorta ta' diversi sentenzi tal-Qrati tagħna dwar liema prinċipji għandhom jiggwidaw il-ħsieb tal-ġudikant meta ikun iffaċċjat bi provi konfliġġenti. F'deċiżjoni fl-ismijiet **George Borg vs. Joseph Meilaq**, il-Qorti qalet [Fn. 13: P.A., 30.10.2003]:

"Mhux l-ewwel darba li l-Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin; anzi, meta każ ikun ikkontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoe li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti. Dwar il-fatt li jkun hemm żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti, ingħad: Fil-kamp ċivili għal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dwar jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet fornuti lilu, imma jekk dawn l-ispjegazzjonijiet humiex, fiċ-ċirkostanzi żvarjati tal-ħajja, verosimili. Dan fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet, sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-preponderanza tal-provi, ġeneralment bastanti għall-konvinċiment. Għax kif inhu paċifikament akkolt, iċ-ċertezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-

dubju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant."

*Fi kwalunkwe każ l-Arbitru hu tal-fehma li Bellizzi ma żammitx* a proper lookout *u huwa d-dover ta'* "driver to see what is in plain view"*, u* "min ma jarax dak li raġonevolment għandu jara, ifisser li ma kienx qed iżomm proper lookout".

*F'dan il-kuntest il-Qrati tagħna ħafna drabi jagħmlu riferiment għas-sentenza tal-Qorti Ingliża li tgħid:* "keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up, of the pavements on the side of the road as well."

*Illi filwaqt li Camilleri qal li ra d-dawl imbagħad saret il-ħabta Bellizzi lanqas id-dawl ma rat.*

*L-Arbitru iktar jemmen il-verżjoni ta' Camilleri l-iktar għaliex Bellizzi kienet taħt l-influenza ta' alcohol fit-tlieta ta' filghodu u iktar jemmen li hi ma indunatx bil-*lights *u baqgħet sejra. Il-Pulizija li ġie on site kellu biżżejjed evidenza mill-aġir ta' Bellizzi li ħa d-deċiżjoni li jieħu* breathalyzer test. *Illi l-fatt li Cristina Bellizzi intefgħet fl-art eżatt meta ħarġet mill-karozza wara l-ħabta ukoll hu indikazzjoni li kienet fis-sakra u ma kellhiex kontroll sħiħ fuq il-vettura tagħha.*

*Għaldaqstant jiċħad il-kontro-talba, li f'kull każ ma jistax issir kontra Ecabs. Illi huwa veru li meta ġie preżentat l-arbitraġġ dan kien f'isem s-sewwieq u mhux kontra Ecabs iżda wara l-korrezzjoni l-kontro-talba qatt ma setgħet tirnexxi.*

*Illi dwar d-danni mitluba dawn jidhru raġonevoli u kkonfermati bid-dokumenti esebiti u bix-xhieda."*

## **L-appell**

6. L-appellanta Cristina Bellizzi ħasset ruħha aggravata bil-lodo arbitrali u interponiet appell fid-19 ta' Diċembru, 2019, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex:

> *"...joggħobha tilqa' l-appell odjern, billi tikkanċella s-sentenza/lodo tal-10 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet premessi u tiddikjara li Francis Camilleri kien unikament responsabbli ghal ħabta bejn il-vetturi CLY038 u CRI506 tad-9 ta' Jannar 2016 u konsegwentement tilqa' il-kontro-talba ta' Cristina Bellizzi bl-ispejjeż kontra l-appellati."*

7. L-aggravju ewlieni tal-appellanta Cristina Bellizzi huwa li t-Tribunal ma setax jasal b'mod raġonevoli u legali għall-konklużjonijiet tal-lodo arbitrali, filwaqt li tgħid ukoll li dan għamel apprezzament ħażin tal-provi u naqas milli jagħmel evalwazzjoni tal-provi kollha miġjuba quddiemu.

**<u>Ir-risposta</u>**

8. L-appellati wieġbu fl-20 ta' Jannar, 2020 fejn qegħdin jissottomettu li l-lodo arbitrali huwa wieħed ġust u jimmerita konferma minn din il-Qorti għal dawk ir-raġunijiet li huma jfissru fl-istess risposta.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

9. Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju ewlieni tal-appellanta Bellizzi fid-dawl tal-osservazzjonijiet u l-konklużjonijiet magħmula mit-Tribunal fil-lodo arbitrali.

10. Fl-ewwel punt li tqajjem l-appellanta Bellizzi, tissottometti li l-appellati kienu naqsu milli jippreżentaw l-aħjar prova f'ċirkostanzi fejn il-partijiet kellhom

verżjonijiet konfliġġenti dwar kif seħħ l-inċident. Din kienet il-prova indipendenti permezz tad-*data tracking* tal-vetturi tas-soċjetà appellata, liema prova baqgħet ma ġietx ippreżentata minkejja li l-informazzjoni kienet ġiet mitluba mill-appellanta Bellizzi stess. Id-direttur tas-soċjetà appellata *Ecabs* kien ikkonferma li permezz ta' din is-sistema setgħet tiġi determinata l-veloċità tal-vettura misjuqha mis-sewwieq tagħha, u anki fejn kienet. Tissottometti li fil-każ odjern, il-veloċità kienet rilevanti għaliex l-inċident kien wieħed vjolenti fejn waħda mill-vetturi kienet baqgħet għaddejja b'veloċità minn fuq id-dawl aħmar u l-informazzjoni tat-*tracking* setgħet tindika jekk din il-vettura kinitx dik tas-soċjetà appellata *Ecabs*. Għalhekk fin-nuqqas tal-aħjar prova, it-Tribunal ma setax legalment u raġonevolment jasal għall-konklużjonijiet li wasal għalihom, u n-nuqqas ta' produzzjoni ta' din il-prova kellha tiġi meqjusa sew minnu. It-tieni punt li tirrileva l-appellanta Bellizzi huwa li l-appellati kienu naqsu milli jipproduċu lil Mario Martin Galea li allegatament kien qed isuq vettura oħra tas-soċjetà appellata *Ecabs* mitt metru wara dik misjuqa mix-xufier involut fl-inċident, Francis Camilleri. Tgħid li madankollu t-Tribunal naqas milli jikkonsidra dan in-nuqqas, u anki li l-verżjonijiet taż-żewġ sewwieqa ta' *Ecabs* saħansitra ma kinux jaqblu, għaliex filwaqt li Francis Camilleri qal li huwa kien wieqaf, Mario Martin Galea qal li dan baqa' jsuq fuq id-dawl aħdar tat-*traffic lights.* It-tielet punt li tqajjem l-appellanta Bellizzi, jirrigwarda t-test tal-*breathalyzer* tagħha li ħareġ pożittiv. Issostni li skont dak li qalilha t-tabib kuranti tagħha Dr Adrian Vassallo, dan it-test kien ġie influwenzat mill-mediċina li kienet qed tieħu. Tgħid li x-xhieda tiegħu ma kinitx ġiet kontradetta. Imbagħad l-avukat tagħha kien ukoll qalilha li l-Pulizija kellhom xi problemi bl-apparat għaliex dan ma kienx qed jiffunzjona sew. Madankollu t-Tribunal kien naqas milli jikkonsidra dawn il-

fatturi meta kienu ġew sostanzjati permezz tax-xhieda tat-tabib stess u tax-xhud Josef Grech. Ir-raba' punt tal-appellanta Bellizzi huwa li t-Tribunal wasal għal konklużjoni gratwita meta ddikjara li sabha diffiċli li jaċċetta li hija kienet damet f'bar sat-tlieta ta' filgħodu, u ħadet biss tazza u nofs inbid, aktar u aktar meta t-test tal-*breathalyzer* kien wieħed pożittiv. In sostenn tal-argument tagħha, l-appellanta Bellizzi tagħmel riferiment għax-xhieda ta' Clifton Debono, filwaqt li tgħid li dak li allegatament sema' Frans Camilleri mingħand wieħed mill-ġuvintur, kien biss *detto del detto.* Dan bħalma kienu wkoll il-kliem *"if I'm not mistaken",* li skont ir-Road Accident Report intqalu minn Josef Grech. L-appellanta Bellizzi tirrileva wkoll li ma kienx rilevanti l-fatt li Clifton Debono m'għamilx starrija mal-Pulizija a *tempo vergine*. Tallega li s-Surġent Ramon Mifsud Grech investiga dak li ried hu, u saħansitra rrifjuta li jiġbor il-CCTV *footage* tal-istabbilment *Toni and Guy,* li kien prova ta' dak li verament ġara, u liema prova rriżulta fil-proċeduri kriminali li kienet għadda f'idejn il-Pulizija. Il-ħames punt tal-appellanta Bellizzi jirrigwarda t-tort għall-inċident inkwistjoni fejn it-Tribunal għamel riferiment għal sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla. Tissottometti li dak li ntqal f'dik is-sentenza ma jistax jiġi applikat għall-każ odjern għaliex il-verżjoni tal-appellanta Bellizzi fil-każ odjern ġiet ikkorraborata minn żewġ xhieda okulari li huma Clifton Debono u Josef Grech. Is-sitt punt imressaq mill-appellanta Bellizzi huwa fir-rigward tad-dikjarazzjoni tat-Tribunal li hija ma kinitx żammet *a proper look out* u tgħid li dan kellu jiġi applikat ukoll fil-konfront tas-sewwieq l-ieħor Francis Camilleri. Tgħid li meta ħarġet minn fuq id-dawl aħdar, il-viżjoni tagħha kienet waħda limitata sew. Dan filwaqt li l-fatti kollha kienu jixhdu li Francis Camilleri kien qed isuq b'veloċità eċċessiva minn fuq dawl aħmar biex kien hu l-kawża tal-inċident inkwistjoni. L-appellanta

Bellizzi terġa' ttenni li l-konklużjoni tat-Tribunal li hija kienet qiegħda ssuq taħt l-influwenza tal-alkoħol, kienet waħda żbaljata, u barra minn hekk lanqas kien verosimili li l-Pulizija meta wasal fuq il-post tal-inċident, kien iddeċieda mill-aġir tagħha li jagħmel *breathalyser test* tagħha, għaliex hija kienet diġà qiegħda l-isptar dak il-ħin. Issottomettiet ukoll li t-Tribunal kien skorrett meta silet il-konklużjoni li hija kienet fis-sakra għaliex meta ħarġet mill-vettura hija kienet intefgħet fl-art, għaliex dan hija qatt ma qalitu u wara kollox kien normali li persuna bil-qatgħa tal-inċident timtedd fl-art. L-aħħar u s-seba' punt li tqajjem l-appellanta Bellizzi fir-rigward tal-lodo arbitrali, huwa li l-verżjoni mogħtija minn Francis Camilleri mhijiex waħda li titwemmen. Saħansitra kien hemm konflitt bejn l-ewwel verżjoni tiegħu u dik li huwa ta fis-seduta tal-5 ta' Diċembru, 2016.

11. Fir-risposta tal-appell, is-soċjetajiet appellati jittrattaw kull wieħed minn dawn is-seba' punti li ressqet l-appellanta Bellizzi. Huma jissottomettu kif ġej: (1) il-fatt li ma ġiex ippreżentat d-*data tracking* mitlub minnha, ma kienx ifisser li ma tressqitx l-aħjar prova, għaliex wara kollox l-aħjar prova hija x-xhieda tax-xufiera involuta, u kien fid-diskrezzjoni tat-Tribunal sabiex jiddeċiedi dwar l-aħjar prova; (2) kien fid-diskrezzjoni tas-soċjetajiet appellati jekk jiġix prodott Mario Martin Galea bħala xhud u wara kollox it-Tribunal ma kienx ħa inkonsiderazzjoni dak li qal; (3) l-effett tal-mediċina u tax-xorb ċertament flimkien kellhom effett fuq l-abilitajiet tagħha tas-sewqan; (4) meta l-appellanta Bellizzi tgħid li t-Tribunal wasal għall-konklużjoni li ma kinitx sorretta minn ebda prova, qiegħda twarrab ir-riżultat tat-test tal-*breathalyzer,* filwaqt li dak li tallega li kien *detto del detto,* kien fil-fatt prova importanti f'inċident tat-traffiku

peress li jirrifletti l-verżjonijiet tas-sewwieqa involuti *a tempo vergine,* filwaqt li ma ressqet l-ebda raġuni għaliex is-Surġent Mifsud Grech kellu jiffavorixxi parti minn oħra*;* (5) ix-xhieda ta' Clifton Debono u dik ta' Josef Grech ma kinitx waħda totalment indipendenti, għaliex dawn kienu ħbieb tal-appellanta Bellizzi; (6) ma kien hemm l-ebda prova li Francis Camilleri kien qed isuq b'veloċità eċċessiva jew li kien baqa' għaddej minn fuq dawl aħmar. L-aħħar sottomissjoni tas-soċjetajiet appellati hija li fil-każ odjern ma jeżistux raġunijiet validi għaliex din il-Qorti għandha terġa' tagħmel apprezzament tal-provi.

12. Din il-Qorti ser tittratta wieħed wieħed il-punti li saru mill-appellanta Bellizzi għall-konsiderazzjoni tagħha. L-ewwel wieħed jittratta n-nuqqas da parti tas-soċjetà appellata *Ecabs* li tipproduċi l-informazzjoni rilevanti għall-inċident inkwistjoni, u dan kif mitluba mill-appellanta Bellizzi stess, miġbura bis-sistema tad-*data tracking*. Tissottometti li din kienet l-aħjar prova oġġettiva f'sitwazzjoni fejn it-Tribunal kien ġie kkonfrontat b'żewġ verżjonijiet opposti dwar min kien baqa' jsuq minn fuq id-dawl aħdar tat-*traffic lights* fl-inkroċju tat-toroq. Imma l-Qorti tqis li n-nuqqas da parti tas-soċjetà appellata *Ecabs* li tippreżenta l-informazzjoni relattiva għall-vettura misjuqa mix-xufier tagħha Francis Camilleri, hija raġonevolment ġustifikata permezz ta' *email* tat-8 ta' Ottubru, 2018 mis-CEO Geoffrey Farrugia tas-soċjetà Handson Systems li kienet tipprovdi l-apparat neċessarju. Dan spjega kif u għaliex din l-informazzjoni kienet tħassret ġaladarba l-vettura ġiet *"decommissioned",* u l-Qorti ssib li r-raġuni li jagħti hija waħda kredibbli u ma tarax għaliex it-Tribunal bin-nuqqas ta' din il-prova kellu jiġi miżmum milli jiddeċiedi l-vertenza abbażi tal-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi. Hekk fil-fatt għamel it-Tribunal wara

li saħansitra ċċita dak li qalet l-Qorti Ċivili, Prim'Awla, preseduta bl-istess mod bħall-appell odjern, fejn il-Qorti saħqet fuq id-dover tal-ġudikant li jfittex sakemm isib soluzzjoni konvinċenti.[1]

13. Fit-tieni punt l-appellanta Bellizzi qiegħda tirrileva li s-soċjetajiet appellati naqsu milli jressqu lil Mario Martin Galea, li kien qed isuq vettura oħra tal-istess soċjetà appellata *Ecabs* xi mitt metru 'l bogħod mill-vettura misjuqa minn Francis Camilleri. L-appellanta Bellizzi tissottometti li l-verżjoni li ta Mario Martin Galea *a tempo vergine,* kienet tikkontrasta sew ma' dik tax-xufier Francis Camilleri, għaliex Galea ma qalx li Camilleri kien waqaf ħdejn it-*traffic lights.* Il-Qorti tgħid li s-soċjetajiet appellati ma kellhom l-ebda obbligu li jressqu lil dan ix-xhud okulari, u jekk verament l-appellanta Bellizzi ħasset li dan ix-xhud kellu sehem kruċjali biex tiġi riżolta l-vertenza odjerna, hija ma kienet bl-ebda mod miżmuma milli tressqu hija stess bħala xhud tagħha. Tenut ukoll inkonsiderazzjoni l-fatt li dak li qal Mario Martin Galea ma jistax jinftiehem b'mod li x-xufier Francis Camilleri ma kienx wieqaf, din il-Qorti tqis li ma jistax jingħad li meta t-Tribunal ma kkunsidrax il-fatt li din it-terza persuna ma tressqitx bħala xhud, b'hekk huwa kien iddeċieda ħażin.

14. It-tielet punt tal-appellanta Bellizzi jirrigwarda t-*test* tal-*breathalyzer.* Bellizzi tittenta ġġib fix-xejn ir-riżultat tat-*test* billi ssostni li fiż-żmien meta seħħ l-inċident inkwistjoni, hija kienet qiegħda tingħata kura għall-*pharyngitis* permezz ta' *Difflam 0.15% Spray,* li kellu konċentrazzjoni ta' *ethanol.* Hija esebiet kopja tal-fuljett ta' informazzjoni għal dan il-prodott mediċinali u l-Qorti tosserva s-segwenti li jpoġġi fid-dubju l-argument tal-appellanta Bellizzi: (a) kif

---

[1] **Helen Agius** ***vs.*** **Elsie Falzon**, P.A., 18.10.2019.

dikjarat fl-istess fuljett, il-prodott għandu biss ammont zgħir ta' *ethanol,* jiġifieri inqas minn 100mg għal kull doża*;* (b) jintuża fuq tfal ta' inqas minn 6 snin. L-appellanta Bellizzi xehdet li hija kienet użat din il-mediċina proprju qabel ma saqet lejn id-dar, imma l-Qorti tosserva li kontra s-suġġeriment tat-tabib kuranti tagħha li qalilha biex tużaha kull sagħtejn jew tlieta, hija allegatament reġgħet użat din il-mediċina hekk kif kienet ser toħroġ mill-vettura tagħha wara l-ħabta. Hawnhekk il-Qorti tgħid li ftit jista' jitwemmen li l-appellanta Bellizzi reġgħet għamlet użu mill-mediċina meta kienet qiegħda bla dubju ssofri minn qatgħa kbira, kif hija stess tgħid li kellha fuqha. Skont il-*Full Road Traffic Accident Report,* fuq suspett min-naħa tal-Pulizija li hija kienet qiegħda ssuq taħt l-influwenza tax-xorb, dawn aċċedew fl-Isptar Mater Dei fejn Bellizzi aċċettat li tagħmel it-*test* wara li ngħatat id-debita kawzjoni skont il-liġi. Għalhekk ċertament kien għadda ċertu ħin sostanzjali minn meta hija kienet għamlet il-*puffs,* sa meta hija ġiet mitluba tagħmel it-*test.* Issa l-Qorti tinnota li mhux ċar mix-xhieda tat-Tabib Adrian Vassallo jekk u kemm għandu jdum l-effett tar-riħa ta' alkoħol fil-ħalq, tant hu hekk li xehed li *"ma nistax ngħid x'effett ikollu dan il-prodott jekk wara li tużah isir* breathalyzer test ... *Ngħid li jekk tieħu* breathalyzer *eżatt wara li tieħu* puff, *nimmagina li se jimmarka."* Għalhekk ma tistax tqis li l-mediċina kellha effett tant qawwi fuq it-*test* li għamlet l-appellanta Bellizzi, għax it-test ma sarx eżatt wara li ħadet il-puff.

15. Fil-każ odjern, għalkemm il-Qorti għandha tikkonsidra dawk il-provi kollha li jistgħu jitfgħu dawl fuq il-kwistjoni jekk ix-xufier ikunx saq taħt l-influwenza tal-alkoħol, tqis li fejn jibqa' d-dubju, l-aħjar prova li xxeqleb il-bilanċ hija dik tat-*test* tal-*breathalyzer* u minbarra dak li ġie allegat mill-appellanta Bellizzi, ma

jirriżulta xejn li jista' jxejjen ir-riżultat pożittiv tiegħu. Il-Qorti hija tal-fehma li dan ir-riżultat għandu jirrifletti, u fil-fatt jirrifletti, il-fatti kif ġraw qabel ma seħħ l-inċident inkwistjoni. Għalhekk l-Arbitru hawnhekk sewwa għamel meta għadda sabiex għamel evalwazzjoni tal-provi li setgħu jixħtu dawl fuq jekk l-appellanta Bellizzi kinitx qiegħda ssuq taħt l-influwenza tax-xorb. Hawnhekk il-Qorti tasal sabiex teżamina r-raba' punt li qiegħda tippreżenta l-appellanta Bellizzi għall-konsiderazzjoni tagħha. Jirriżulta li l-appellanta Bellizzi kienet iltaqgħet maż-żewġ passiġġieri l-oħra fil-vettura tagħha għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu fil-lokal magħruf bħala l-*Black Gold* ġewwa tas-Sliema, u skont ma qalet, sal-ħin li telqu għall-ħabta tat-3.00 ta' filgħodu, hija xorbot mhux aktar minn żewġ tazzi nbid.[2] Iżda mill-provi ma jirriżultax fejn kienet l-appellanta Bellizzi qabel is-siegħa ta' filgħodu u jekk hija kinitx diġà ħadet xi xorb ieħor qabel. Dan ċertament huwa dubju li jimmilita kontra l-insistenza tagħha li hija ma kinitx qiegħda ssuq taħt l-influwenza tax-xorb u li t-*test* tal-*breathalyzer* ma kienx korrett. Jingħad ukoll li dak li qiegħda tallega l-appellanta Bellizzi, li l-apparat ta' dan it-*test* kien qed jagħti xi problemi peress li ma kienx qed jiffunzjona sew f'idejn il-Pulizija, dan bl-ebda mod ma ġie ppruvat, għajr li f'artikolu f'gazzetta kienu saru diversi allegazzjonijiet f'dan ir-rigward, imma l-ebda rappurtaġġ ta' fatti konkreti. Tosserva wkoll li wara kollox lanqas ma tressqet prova li l-eżitu tal-proċeduri kriminali fil-konfront tal-appellanta Bellizzi kienu nqatgħu favur tagħha proprju għaliex il-*breathalyzer test* ma kienx ħadem sew.

[2] Ara *affidavit* Clifton Debono u Josef Galea u tal-appellanta Bellizzi stess.

16. Punt ieħor li tqajjem mill-appellanta Bellizzi fir-rikors tal-appell tagħha, huwa dak rigwardanti l-indisponibilità tas-*CCTV footage* tal-*camera* tal-ħanut *Toni and Guy.* Hawnhekk hija qiegħda titfa' dubju dwar din l-informazzjoni li ngħatat mis-Surġent Spiteri, u tgħid li fil-proċeduri kriminali fil-konfront tagħha, rappreżentant ta' *Toni and Guy* kien iddikjara li dan il-*footage* sussegwentement kien ġie mgħoddi lill-Pulizija. Imma l-Qorti tirrileva li għalkemm l-appellanta Bellizzi kellha l-opportunità li tħarrek lil dan l-istess rappreżentant fil-proċeduri odjerni, u anki lil min mill-Pulizija kien irċieva dak il-*footage,* u dan sabiex jiġi spjegat aħjar x'ġara minnu, hija naqset milli tissostanzja l-allegazzjonijiet tagħha li s-Surġent Mifsud Grech ma kienx segwa l-investigazzjoni tal-inċident b'mod imparzjali. Għalhekk hawn ukoll it-Tribunal ddeċieda sew.

17. Il-Qorti tgħaddi għas-sitt punt tal-appellanta Bellizzi, fejn hija qiegħda tikkontesta t-tort għall-inċident *de quo* u qiegħda tikkontendi li t-Tribunal ma kellux jiskarta x-xhieda tal-passiġġieri fil-vettura tagħha. Tgħid dan filwaqt li x-xhud okulari Mario Martin Galea għal xi raġuni ma tressaqx mis-soċjetà appellata *Ecabs.* Il-Qorti tqis li hemm fattur partikolari li jista' jitfa' dawl fuq kif seħħ l-inċident, il-fatt li l-vettura misjuqa mix-xufier tas-soċjetà appellata *Ecabs* daret mal-impatt mal-vettura misjuqa mill-appellanta Bellizzi, u ġiet angolata lejn Triq tas-Sliema direzzjoni Kappara, juri li kien hemm ċerta saħħa ġejja mill-vettura tal-appellanta Bellizzi, riżultat ta' ċerta veloċità qawwija. Il-Qorti ma tarax li ċ-ċirkostanzi setgħu kienu bil-kontra għas-sewwieqa. B'hekk ftit jitwemmen dak li qalu l-ħbieb tagħha Clifton Debono u Josef Galea fl-*affidavit* rispettiv tagħhom, u saħansitra dak li qalet l-istess Bellizzi fl-*affidavit* tagħha, "*bdejt insuq normali, u kif wasalna fit-Triq fejn toqgħod ommi, Sliema Road,*

*Gżira, kantuniera ma' Rue d'Argens* (recte) *Road, Gżira, waqaft fil-kantuniera peress li d-dawl kien aħmar ... Kif il-lights qaleb aħdar, soqt u kif wasalt f'nofs it-triq inħoss daqqa fuq in-naħa tal-passiġġieri ...".* B'hekk, huwa aktar verosimili li l-appellanta Bellizzi lanqas biss waqfet fuq it-*traffic lights* u baqgħet ħierġa b'ċertu saħħa u veloċità qawwija, forsi biex tilħaq tgħaddi qabel ma jeqleb id-dawl minn aħdar għal aħmar. Hekk ukoll kienet il-konklużjoni tat-Tribunal.

18. Il-punt aħħari li tqajjem l-appellanta Bellizzi huwa dwar il-konsiderazzjoni tat-Tribunal li hija ma kinitx żammet *a proper look-out.* Il-Qorti tosserva li t-Tribunal qal dan fir-rigward tan-nuqqas tal-appellanta Bellizzi li tħares sew, minflok tkompli ssuq meta d-dawl kien aħmar. Ġaladarba s-sewwieqa fil-każ odjern kienu gwidati permezz ta' *traffic lights,* il-prinċipju ta' *proper look-out* ma jistax japplika għajr f'dan il-kuntest. Imma l-Qorti diġà kellha l-opportunità li tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha rigward fuq min għandha taqa' l-ħtija għall-inċident inkwistjoni.

19. Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx l-aggravju tal-appellanta Bellizzi ġustifikat u tiċħdu.

**<u>Deċide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellanta Bellizzi billi tiċħdu, filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-appellati u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellanta Bellizzi u dawk tas-soċjetà intimata Citadel Insurance p.l.c. u anki l-kontrotalba tal-imsemmija appellanta Bellizzi, u tikkonferma l-lodo arbitrali fl-intier tiegħu.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri tal-arbitraġġ għandhom jitħallsu skont il-lodo arbitrali u dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellanta Bellizzi.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**